MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2003

Appell Civili Numru. 1778/1997/1

**London Services Limited**

**vs**

**Regina Bianca Limited**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

**IC-CITAZZJONI TAS-SOCJETA` ATTRICI**

1. B'citazzjoni ppresentata mis-socjeta` attrici fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Awwissu 1997, fil-kawza fl-ismijiet premessi, l-istess socjeta` attrici wara li ppremettiet:
Illi permezz ta' Skrittura Privata datata 1 ta' Lulju 1996, li kopja taghha hi hawn annessa u esibita u mmarkata bhala Dok. A, is-socjeta` attrici kienet tat kera ta' vettura tat-tip Ford Fiesta b'numru ta' registrazzjoni FAD 543 lis-socjeta` konvenuta, ghall-perjodu ta' hames (5) snin bejn it-12 ta' Lulju 1996 u l-11 ta' Lulju 2001, bil-kundizzjoni illi l-hlas isir permezz ta' rati mensili ta' mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin (Lm128.00) piu` VAT, kif dettaljati fl-istess skrittura privata.

Illi s-socjeta` konvenuta naqset illi teffettwa diversi pagamenti mensili, u ghalhekk kisret il-kondizzjonijiet tal-ftehim;

Illi ai termini tal-klawsola 12.1 ta' l-iskrittura Privata hawn fuq imsemmija, tali sospensjoni ta' hlasijiet mensili twassal ghat-terminazzjoni tal-ftehim, u dan minghajr pregudizzju ghad-dritt tas-socjeta` attrici illi tirreklama l-arretrati kollha u l-hlasijiet kollha dovuti skond l-istess Skrittura Privata ghall-bqija tat-terminu ta' l-istess ftehim ai termini tal-klawsola 12.5 ta' l-istess ftehim;

Illi s-socjeta` konvenuta saret debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' sebat elef u hamsa u tletin Lira Maltin u sebghin centezmu (Lm7035.70), ammont rapprezentanti l-hlasijiet dovuti skond il-klawsoli 12.1 u 12.5 ta' l-Iskrittura Privata, in kwantu ghall-hames mija u sitta u tmenin Lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm586.34) arretrati ta' hlasijiet dovuti skond kif fuq premess, u in kwantu ghal sitt elef erba' mija u sebgha u sittin Lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm6467.36) ammont dovut bhala kera ghall-imsemmija vettura ghar-rimanenti perjodu ta' 48 xahar tal-ftehim;
Illi s-socjeta` konvenuta, ghalkemm giet interpellata diversi drabi sabiex thallas baqghet inadempjenti;

Illi dan l-ammont hu cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta`, attrici, is-socjeta` konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni x'tissolleva kontra l-pagament ta' l-istess;

Illi, ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-dispozizzjonijiet ghad-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Premess dan kollu, s-socjeta` attrici talbet lill-istess Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex, ghar-ragunijiet premessi:
1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallasha is-somma ta' sebat elef u hamsa u tletin Lira Maltin u sebghin centezmu (Lm7035.70) lilha dovuta kif fuq premessi u dan bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;  bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 25 ta' Lulju 1997 u tal-mandati kawtelatorji numri 4268/97 u 4269/97 u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittri ufficjali sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta` konvenuta.

## IS-SENTENZA APPELLATA

2. B'sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Marzu 2000, fil-kawza fl-ismijiet premessi, il-Qorti ddecidiet l-istess kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta, pero` wara li qiset ukoll il-provi attrici, laqghet it-talba attrici u b'hekk ikkundannat lis-socjeta` konvenuta Regina Bianca Limited sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sebat elef u hamsa u tletin liri Maltin (Lm7,035) bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta nkuluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 25 ta' Lulju 1997 u tal-mandati kawtelatorji bin-Numri 4268/97 u 4269/97, bl-interessi legali mid-data tan-notifika tac-Citazzjoni sad-data tal-hlas effettiv.

## L-APPELL TAS-SOCJETA` KONVENUTA

3. Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bl-imsemmija sentenza, u interponiet appell minnha lil dina l-Qorti fuq l-aggravju illi l-ewwel Qorti, kien imissha laqghet it-talba attrici limitatament biss fis-somma ta' hames mija sitta u tmenin liri Maltin u erba' u tletin centezmi

(Lm586.34) bhala arretrati ta’ hlasijiet dovuti mis-socjeta` konvenuta appellanti ghall-kiri tal-vettura, u cahditha ghall-kumplament in kwantu tirreferi ghall-hlasijiet pretizi ghar-rimanenti perijodi ta’ tmienja u erbghin (48) xahar tal-ftehim, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

..., s-sentenza appellata hija bazata fuq applikazzjoni ghal kollox skorretta sew tad-disposizzjonijiet kuntrattwali kif ukoll tal-provvedimenti tal-ligi da parti ta’ l-ewwel Qorti.

Illi skond ma rrizulta mill-provi prodotti mis-socjeta` attrici appellata, u kif anke gie kostatat bhala fatt mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-Sentenza appellata, l-istess socjeta` attrici appellata kienet iddecidiet illi tittermina l-kuntratt tal-kera tal-vettura in kwistjoni wara illi s-socjeta` konvenuta appellanti kienet naqset milli taghmel xi pagamenti tal-kera fiz-zmien previst fl-Iskrittura (Dok. “A”), u di piu` il-vettura kienet sahansitra ngabret mill-fabrika tas-socjeta` konvenuta appellanti minn impjegati tas-socjeta` attrici appellata.

Illi l-Artikolu rilvanti ta’ l-Iskrittura (Dok. “A”) huwa l-Artikolu 12 (TERMINATION OF THE AGREEMENT).

Illi tali Artikolu jipprovdi separatament ghat-terminazzjoni tal-ftehim sew da parti tas-socjeta` attrici appellata bhala s-sid, kif ukoll da parti tas-socjeta` konvenuta appellanti bhala l-kerrej.

Is-socjeta` attrici appellata bhala s-sid tal-vettura ghandha l-fakolta` sabiex, fil-kazijiet kollha kontemplati fil-paragrafi 1, 2, u 3 ta’ l-Artikolu 12, li tittermina l-ftehim bis-sahha ta’ l-Artikolu 12.4; filwaqt illi t-terminazzjoni tal-ftehim da parti tas-socjeta` konvenuta appellanti bhala l-kerrej hija regolata fl-Artikolu 12.5 sussegwenti.

Illi proprjament dana l-Artikolu 12.5 tal-ftehim ma jaghtix dritt ‘*ut sic*’ a favur tal-kerrej sabiex jittermina l-istess ftehim. Ghall-kuntrarju, l-istess Artikolu jipprovdi illi l-ftehim huwa vinkolanti fuq il-kerrej tul il-perijodu kollu tal-lokazzjoni, u illi f’kaz illi l-kerrej kellu jittermina bikri l-istess ftehim, allura huwa xorta wahda jkun obbligat sabiex

ihallas lis-sid fir-rigward tar-rimanenti pagamenti kollha tal-kera.

Illi naturalment, jghid x'jghid l-Artikolu 12.5, wiehed xorta wahda jista' facilment jikkontempla sitwazzjoni fejn il-kerrej ikollu raguni valida sabiex jittermina l-lokazzjoni – bhal per ezempju fil-kaz li l-vettura lilu mikrija tizviluppa xi hsarat serji tali li ma jippermettux lill-istess kerrej li jkompli jaghmel uzu minnha – f'liema kaz ghandu jkun lecitu ghalih illi jikkontesta l-applikazzjoni tad-dispost ta' l-istess Artikolu. Pero` dana ma huwiex il-kaz in ezami, u l-punt kardinali jibqa` l-fatt illi l-Artikolu 12.5 jirregola t-terminazzjoni tal-ftehim da parti tal-kerrej u da parti tieghu biss.

Illi ai termini ta' l-ewwel (1) u tar-raba' (4) paragrafu ta' dana l-istess Artikolu 12 mehudin flimkien, f'kaz illi l-kerrej kellu jonqos milli jhallas il-kera fi zmien hmistax (15)-il gurnata mid-data li fiha tkun dovuta, allura s-sid ikollu d-dritt sabiex jittermina l-ftehim kif ukoll sabiex jirriprendi l-pussess tal-vettura (kif fil-fatt is-socjeta` attrici appellata ghamlet), u l-kerrej ikun responsabbli ghall-hlas ta' l-arretrati.

Illi pero`, minflok ma s-socjeta` attrici appellata fittxet lis-socjeta` konvenuta appellanti ghall-hlas ta' l-arretrati ai termini ta' l-Artikolu 12.4 ta' l-Iskrittura (Dok. "A"), kif kien id-dritt taghha, hija ghazlet illi tipprocedi wkoll ghall-hlas tal-kera tar-rimanenti perijodu tal-kirja meta dan kien jikkostitwixxi indebitu sew ai termini tal-kuntratt kif ukoll skond il-ligi.

Difatti, skond l-istess kawzali tac-Citazzjoni attrici, is-socjeta` attrici appellata ippernjat l-allegat dritt taghha li tirreklama wkoll il-hlasijiet kollha ghall-bqija tat-terminu tal-ftehim fuq il-klawsola 12.5 ta' l-istess ftehim.

Illi anke x-xhud prodott mis-socjeta` attrici appellata Jason Aquilina, direttur ta' l-istess socjeta`, fl-Affidavit tieghu ta' l-14 ta' Frar 2000 ghamel riferenza specifika ghall-istess klawsola 12.5 ta' l-Iskrittura sabiex jiggustifika t-talba tas-

socjeta` attrici appellata ghall-hlas ta' l-ammont kollu ta' kera dovut ghall-perijodu shih tal-kirja.

Illi l-ewwel Qorti wkoll, fil-kunsiderazzjonijiet taghha rriferiet ghall-fatt illi qed jigi kontiz li ai termini ta' l-Artikolu 12.5 ta' l-Iskrittura Privata f'kaz ta' terminazzjoni bikrija tal-kuntratt mill-kerrej l-ammont kollu ta' kera dovut ghall-perijodu rimanenti jkun pagabbli immedjatament, u fil-konkluzjonijiet taghha ddikjarat illi l-Artikoli kkwotati mis-socjeta` attrici bhala li jaghtu d-drittijiet pretizi lill-istess socjeta` attrici verament jaghtu tali drittijiet, u li kwindi s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata.

Illi pero`, u proprju hawn illi jinsab l-aggravju tas-socjeta` konvenuta appellanti, l-Artikolu 12.5 ta' l-Iskrittura mhix applikabbli ghall-kaz odjern billi fil-kaz in ezami l-ftehim in lite ma giex itterminat mill-kerrej, izda ghall-kuntrarju gie terminat 'ex admissis' mill-istess socjeta` attrici appellata:

"Meta minkejja dan Regina Bianca Limited baqghet tonqos milli taghmel il-pagamenti allura l-Bord tad-Diretturi ddecieda li kellna nitterminaw il-kuntratt a bazi ta' l-Artikolu 12.1 ta' l-Iskrittura Privata ... ..."
(Xhieda ta' Jason Aquilina, moghtija fl-Affidavit ta' l-14 ta' Frar, 2000).
u
"Il-vettura baqghet f'idejn ir-Regina Bianca Limited sa Lulju 1997 meta l-kumpanija kienet iddecidiet li tittermina l-kuntratt minhabba li ma kinux qed isiru l-hlasijiet kif spjegajt"
(Xhieda ta' Andrea Aquilina, moghtija fl-Affidavit ta' l-14 ta' Frar, 2000).

Illi ma jista' jkun hemm ebda ekwivoku ta' xejn illi l-Artikolu 12.5 ta' l-Iskrittura huwa applikabbli BISS f'cirkostanzi meta l-ftehim jigi terminat qabel il-waqt da parti tal-kerrej (u MHUX da parti tas-Sid). U huwa f'dina c-cirkostanza biss, cioe` f'kaz illi l-ftehim kellu jigi terminat bikri da parti tal-kerrej, illi l-ammont kollu tal-kera ghall-perijodu rimanenti tal-kirja jkun dovut mill-istess kerrej a favur tas-sid.

Illi d-dritt tas-socjeta` attrici appellata sabiex tittermina l-ftehim huwa regolat esklussivament mill-Artikolu 12.4 ta' l-istess Skrittura, liema dritt huwa esercitabbli mill-istess socjeta` fil-kazijiet kollha kontemplati fil-paragrafi 1, 2 u 3 tal-istess Artikolu 12. Fil-kaz odjern, is-socjeta` attrici appellata strahet fuq id-dispost tal-paragrafu 1 ta' l-istess Artikolu 12 sabiex tezercita d-dritt taghha li tittermina l-ftehim.

Illi l-Artikolu 12.4 fuq riferit jistipula bl-aktar mod car illi f'kaz illi s-socjeta` attrici appellata kellha tezercita d-dritt taghha li tittermina l-ftehim, allura hija jkollha d-dritt li tirriprendi l-pussess tal-vettura (kif del resto ghamlet) u jkollha d-dritt ukoll sabiex tithallas fir-rigward ta' l-arretrati kollha. Ebda dritt iehor pero` ma huwa koncess a favur tas-socjeta` attrici appellata, u certament illi l-istess socjeta` attrici appellata ma kellha ebda dritt kuntrattwali sabiex tirreklama wkoll il-hlas tal-kera ghar-rimanenti perijodu tal-kirja gialadarba illi ghogobha tittermina l-ftehim hija stess u tirriprendi l-pussess tal-vettura.

Illi a kull buon fini lanqas ma jista' jigi validament argumentat, kif donnha ipprovat targumenta l-ewwel Qorti illi t-terminazzjoni bikrija tal-kuntratt sar da parti tal-kerrej billi huwa stess ma onorax l-obbligi tieghu versu s-sid fir-rigward tal-hlas puntwali tal-kera. Huwa minnu tassew illi kien dan il-fattur illi wassal lis-socjeta` attrici appellata sabiex, fid-diskrezzjoni assoluta taghha, tesercita d-dritt taghha li tittermina l-ftehim u tirriprendi l-pussess tal-vettura. Pero` il-fatt inkontestat jibqa' illi kienet l-istess socjeta` attrici appellata, u mhux is-socjeta` konvenuta appellanti, illi terminat il-ftehim – u dana a bazi tal-Artikolu 12.4 (u mhux a bazi ta' l-Artikolu 12.5) ta' l-istess ftehim.

Illi ghalhekk fil-kaz in ezami l-Artikolu 12.5 ma ghandu applikazzjoni ta' xejn.

Illi di piu` l-ewwel Qorti, apparti l-misinterpretazzjoni kuntrattwali illi ghamlet skond kif fuq premess, naqset ukoll lejn is-socjeta` konvenuta appellanti fl-apprezzament tal-kuncetti legali nvoluti.

Illi ma kienx bizzejjed ghall-ewwel Qorti sabiex tirrimarka illi in effetti l-iskrittura privata ffirmata bejn iz-zewg socjetajiet ma giet bl-ebda mod kontestata u ghal kull fini u effetti tikkostitwixxi ligi bejn il-partijiet.

Il-fatt jibqa' illi f'cirkostanzi cari bhal ma kienu l-fatti quddiem il-Qorti, fejn is-socjeta` attrici appellata kienet terminat il-ftehim hija stess u sahansitra anke irriprendiet il-pussess tal-vettura taghha minghand is-socjeta` konvenuta appellanti, allura l-attentat da parti ta' l-istess socjeta` attrici appellata sabiex tirreklama anke l-hlas tal-kera ghar-rimanenti perijodu tal-ftehim minnha stess itterminat carament illi jikkostitwixxi indebitu skond il-ligi.

Difatti, l-Artikolu 1021 tal-Kodici Civili, li jitratta dwar ir-radd ta' hwejjeg li wiehed ma kellux jiehu, jipprovdi car u tond illi:

"Kull min jircievi, sew xjentement jew bi zball, haga li hu ma kellux jiehu taht obbligazzjoni civili lanqas naturali, ghandu jroddha lil dak li minn ghandu jkun irceviha bla jedd".

u l-Artikolu 1022 sussegwenti ta' l-istess Kodici, liema Artikolu jitratta dwar jekk dejn jigi mhallas bi zball u huwa relatat ma' l-Artikolu 1021 precedenti fuq citat, imbaghad ikompli jipprovdi illi:

"Kull min, billi jahseb bi zball li hu debitur, ihallas dejn, ghandu jedd jitlob il-hlas lura minghand il-kreditur".

Illi sabiex is-socjeta` attrici appellata qatt seta' jkollha xi dritt fil-ligi ghall-hlas tal-kera ghar-rimanenti perijodu, f'kaz illi hija hekk xtaqet illi jkollha, allura hija ma kienx imissha li ezercitat id-dritt taghha li tittermina l-ftehim izda kien imissha hallietu in vigore, halliet lis-socjeta` konvenuta appellanti fil-pussess tal-vettura bhala l-oggett tal-kirja, u minn zmien ghal zmien irreklamat biss l-arretrati minghand l-istess socjeta` konvenuta appellanti hekk kif il-pagamenti tal-kera waqghu dovuti skond l-Iskrittura.

Illi ghalhekk u ghar-ragunijiet kollha premessi l-ewwel Qorti kien imissha biss laqghet it-talba attrici limitatament billi kkundannat lis-socjeta` konvenuta appellanti sabiex thallas lis-socjeta` attrici appellata s-somma ta' hames mija sitta u tmenin liri Maltin u erba' u tletin centezmi (Lm586.34) bhala arretrati ta' hlasijiet dovuti, u billi cahdet l-istess talba attrici ghall-kumplament.

Ghaldaqstant is-socjeta` konvenuta talbet li dina l-Qorti joghgobha tirriforma s-Sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Marzu 2000 fil-kawza fl-ismijiet premessi billi filwaqt illi tikkonfermaha limitatament fis-somma ta' hames mija sitta u tmenin liri Maltin u erba' u tletin centezmi (Lm586.34) bhala arretrati ta' hlasijiet dovuti, tirrevokaha ghall-kumplament, bl-ispejjez taz-zewgt istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata.

**IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' LONDON SERVICES LIMITED**

4. Is-socjeta` attrici wiegbet hekk:

Illi s-sentenza appellata, moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Marzu 2000, hija gusta u timmerita konferma ghar-ragunijiet segwenti:-

I. Preliminarjament, jirrizulta bl-aktar mod car illi s-socjeta` appellanti qed tipprova tapprofitta ruhha mill-procedura ta' l-appell biex taghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet varji taghha fil-kors tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, kif jirrizulta ampjament mill-process relattiv. Fil-fatt:-

I.1 Is-socjeta` appellanti naqset milli tipprezenta n-Nota ta' Eccezzjonijiet taghha, u lanqas ma ghamlet ebda tentattiv sabiex tipprevalixxi ruhha mid-dritt lilha moghti ai termini ta' l-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprova tiggustifika l-kontumacja taghha.

I.2 Is-socjeta` appellanti naqset sahansitra milli tipprevalixxi ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ai termini ta' l-istess Artikolu 158(10), li titlob lill-ewwel Qorti ghall-

opportunita` biex taghmel sottomissjonijiet bil-miktub biex tiddefendi ruhha kontra t-talbiet tas-socjeta` esponenti.

I.3 Minkejja illi s-socjeta` appellanti kienet kontumaci, l-esponenti ghamlet diversi tentattivi bil-ghan illi jkun jista` jintlahaq ftehim bonarju, u dan in vista tar-relazzjoni kummercjali ezistenti bejn il-partijiet, u anke sabiex issahhah ir-reputazzjoni taghha bhala *trading partner* gust u ragonevoli. Fil-fatt, saru diversi proposti intizi sabiex jakkommodaw lis-socjeta` appellanti. Dawn kien jinvolvu principarjament zewg alternattivi: jew ix-xiri tal-vettura in kwistjoni da parti tas-socjeta` appellanti, jew il-kontinwazzjoni tal-kuntratt ta' kiri, b'pagament assigurat b'forma ta' garanzija bankarja. Ciononstante, is-socjeta` appellanti dejjem ittrattjeniet kemm felhet, sakemm sa fl-ahhar, l-esponenti ma kellha ebda alternattiva hlief illi tottjeni s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, kif fil-fatt ghamlet.

II. In vista ta' dan kollu, jirrizulta lampanti n-nuqqas estrem ta' nteress da parti tas-socjeta` appellanti fil-proceduri in prim'istanza. Dan in-nuqqas jimporta l-limitazzjoni imposta ai termini ta' l-Artikolu 158(10) fuq imsemmi, illi jcahhad lill-kontumaci mid-dritt illi jikkontesta t-talbiet attrici. Ghalhekk, is-socjeta` appellanti kontumaci ma tistax tinqeda bil-procedura ta' l-Appell biex tipprova tikkontesta t-talbiet ta' l-esponenti fit-tieni istanza, meta l-istess socjeta` ma ghamlet l-ebda tentattiv biex taghmel dan in prim'istanza. Senjatament il-kontumaci huwa prekluz milli jipproduci xhieda in difesa.

III. Inoltre, ai termini tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 208(2) tal-Kapitolu 12, l-effett tal-kontumacja jestendi wkoll fil-proceduri quddiem il-Qorti ta' l-Appell, b'dan illi l-kontumaci ma jkunx jista' jgib xhieda fil-proceduri ta' l-appell "kemm-il darba ma jurix raguni tajba, fil-fehma tal-Qorti, li ghaliha huwa jkun naqas [milli jipprezenta Nota ta' Eccezzjonijiet u d-Dikjarazzjoni skond il-Ligi]." Dan ovvjament jippresupponi appell minn sentenza li tichad it-talba, maghmula in prim'istanza, sabiex tigi gustifikata il-kontumacja.

IV. Is-socjeta` appellanti ma interponietx appell minn sentenza dwar talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja, u dan ghas-semplici raguni, illi qatt ma ghamlet din it-talba. Fid-dawl ta' dan kollu, l-istess socjeta` certament ma tistax tippretendi illi kellha xi "raguni tajba" li tista' b'xi mod tiggustifika t-talba taghha, kontenuta fir-Rikors ta' l-Appell, biex "...tressaq dawk il-provi l-ohra kollha lilha kompetenti skond il-Ligi".

V. L-appell odjern jittratta l-mertu tal-kwistjoni, li ma giex ikkontestat fi stadju precedenti. Is-socjeta` appellanti ma tista' qatt tippretendi illi dina l-Qorti terga' takkordalha opportunita` ohra biex tikkontesta l-mertu, in kwantu mhux apert lil xi wahda mill-partijiet illi tutilizza l-proceduri ta' appell sabiex taghmel tajjeb ghall-mankanzi taghha. Ir-rikors ta' l-appell ma jsib l-ebda konfort legali fid-dispozizzjonijiet tal-Kodici tal-Procedura u Organizzazzjoni Civili, li fuqhom kellu necessarjament jigi bazat.

VI. Minn dan kollu jsegwi wkoll illi dan l-appell huwa fieragh u vessatorju, in kwantu intiz biss sabiex itawwal inutilment il-proceduri gudizzjarji, ghad-dannu ta' l-appellata. Fil-fatt, l-appellata taghmel referenza ghall-Artikolu 223(4) tal-Kapitolu 12, li, sabiex jevita tali abbuz, jaghti s-setgha lil dina l-Qorti li tikkundanna lill-appellanti li jhallas lill-appellat spejjez ghal darbtejn.

VII. Fit-tieni lok, u assolutament minghajr pregudizzju ghal fuq premess, l-appellata taghmel referenza ghall-kunsiderazzjoni li tifforma l-bazi ewlenija ta' l-appell. Is-socjeta` appellanti tilmenta illi s-socjeta` appellata ma kienitx intitolata ghall-hlas tal-kera ghall-perijodu rimanenti wara t-terminazzjoni dovuta ghall-inadempjenza kontrattwali da parti taghha bhala kerrej. Targumenta illi dan kien ikun dovut biss f'kaz ta' terminazzjoni prematura volontarja da parti tal-kerrej. Ticcita, in sostenn ta' l-argument taghha, l-Artikolu 12.5 tal-ftehim bejn il-partijiet, ad eskluzjoni ta' l-Artikolu 12.1 ta' l-istess ftehim. Fil-fatt, is-socjeta' appellanti intenzjonalment u konvenjentement evitat kwalunkwe referenza ghall-kontenut ta' dan l-Artikolu, minkejja l-fatt illi l-azzjoni attrici giet ibbazata

espressament u sahansitra principalment fuq dan l-Artikolu, tant illi jinghad illi s-somma pretiza tirrapprezenta "... il-hlasijiet dovuti skond il-klawsoli **12.1** u 12.5 ta' l-Iskrittura Privata" [Enfazi mizjuda].

VIII. L-Artikolu 12.1 jaghmilha cara illi f'kaz li l-kerrej jonqos milli jhallas il-kera dovut ai termini ta' l-istess ftehim, jigu applikati d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 12.4 li jintitolaw lis-sid illi jittermina l-ftehim u jirriprendi l-pussess tal-vettura in kwistjoni. "... *without prejudice to the Lessor's claim to the Total Lease Rate for the duration of the Agreement*".

IX. Fl-ahhar lok, ghandu jinghad illi kull referenza li saret mis-socjeta` appellanti ghall-kuncett ta' *indebiti solutio*, hija kompletament skorretta u inutili. Dan il-kuncett isib applikazzjoni biss f'kaz li xi persuna tkun (a) irceviet xi hlas u (b) li jkun indebitu. F'dan il-kaz, is-socjeta` appellanti ma hallset l-ebda ammont lill-esponenti, relattivament ghall-kera ghall-perijodu rimanenti wara t-terminazzjoni. Sahansitra kieku kien sar tali pagament, ma kienx ikun sar indebitament, u dan stante illi l-istess pagament jirrizulta ampjament dovut ai termini ta' l-Artikolu 12.1 fuq citat.

Ghaldaqstant is-socjeta` appellata tissottometti illi l-Appell ipprezentat mis-socjeta` appellanti ghandu jigi michud, u s-sentenza appellata tat-2 ta' Marzu 2000 ghandha tigi konfermata fl-interezza taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` appellanti.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. In forza tas-sentenza mertu ta' dan l-appell, is-socjeta` konvenuta giet ikkundannata thallas lill-kontroparti appellata l-ammont ta' Lm7,035.70c in konnessjoni ma' ftehim ta' kiri ta' vettura ghall-perijodu ta' 5 snin bejn it-12 ta' Lulju 1996 u l-11 ta' Lulju 2001. Il-ftehim li fuqu gie reklamat dan l-ammont jinsab inkorporat fl-iskrittura markata Dok. A (ara fol. 5 – 16 tal-process). Tajjeb li jinghad li effettivament is-socjeta` konvenuta m'ghamlitx uzu shih tal-vettura mikrija billi gara li hija ma komplietx

taghmel il-hlasijiet dovuti u l-kirja giet mitmuma. Is-socjeta` appellanti tammetti li ghandha thallas lis-socjeta` appellata l-ammont ta' Lm586.34c in linea ta' arretrati ta' hlasijiet dovuti imma m'hijiex qeghda taccetta li ghandha thallas ukoll l-ammont l-iehor addizzjonali ta' Lm6,467.36c ghar-rimanenti xhur li kien ghad baqa' biex jintemm il-ftehim. In realta` kollox idur fuq interpretazzjoni gusta ta' dak li realment gie miftiehem bejn il-kontendenti fil-kawza.

6. Ghandu wkoll jigi rilevat li minkejja l-appell taghha, is-socjeta` konvenuta mhux biss baqghet kontumaci fl-ewwel istanza imma lanqas jirrizulta li hija ghamlet xi tentattiv biex, fin-nuqqas ta' gustifikazzjoni ta' l-istat ta' kontumacja li waqghet fih, ta' lanqas tirrimedja billi tipprevalixxi ruhha minn wiehed mir-rimedji llum disponibbli fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Is-socjeta` konvenuta ghazlet li ma turi l-ebda interess fil-proceduri gudizzjarji meta dawn kienu quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad. Jidher li kien hemm xi tentattivi biex jintlahaq ftehim bonarju imma tali proceduri kienu ghal kollox estraneji ghall-proceduri gudizzjarja li kienu "in corso". Dan maghdud, din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tas-socjeta` appellata fis-sens li darba li l-fatti tal-kawza huma dawn, allura jfisser li "s-socjeta` appellanti ma tista` qatt tippretendi illi dina l-Qorti (ta' l-Appell) terga' takkordalha opportunita` ohra biex tikkontesta l-mertu ...". Fil-fehma ta' din il-Qorti, darba li stat ta' kontumacja mhux biss ma jammontax ghal xi ammissjoni imma ghandu jitqies bhala kontestazzjoni u billi wkoll parti in kontumacja ghandha dritt li tappella, allura dan ifisser li – fil-limitazzjonijiet inflitti fuqha nfisha bin-nuqqasijiet taghha – dik il-parti appellanti, ankorke` kontumaci, ghandha d-dritt li tappella fil-meritu.

7. Kif gia` nghad il-vertenza kollha tistrieh fuq interpretazzjoni tal-ftehim milhuq bejn il-kontendenti a fol. 5 – 15 tal-process u partikolarment il-klawsola numru tnax (12) bl-intestatura "*Termination of the Agreement*" (fol 13 u 14 tal-process).

L-aggravju tas-socjeta` appellanti huwa dak li una volta l-ftehim gie mitmum ad istanza u b'decizjoni tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` appellata allura din ma kenitx

intitolata wkoll ghall-hlas ta' kera ghaz-zmien kollu rimanenti. Skond l-appellanti dan kien ikun hekk il-kaz f'kaz ta' terminazzjoni prematura da parti taghha, li m'huwiex il-kaz. Skond is-socjeta` appellanti l-Artikolu 12.5 tal-ftehim lanqas japplika ghall-kaz in ezami. Id-dritt tas-socjeta` attrici appellata sabiex tittermina huwa regolat esklussivament mill-artikolu 12.4 ta' l-iskrittura.

8. Din il-Qorti qieset mill-gdid il-ftehim fuq imsemmi u hija tal-fehma li dak li ddecidiet l-ewwel Qorti kien gust u korrett. Fil-fatt il-kuntratt jistipula kjarament proprju fl-ewwel (1) sub-inciz tieghu li f'kazi ta' nuqqas ta' hlasijiet kif hemm stipulat hemm lok ghat-terminazzjoni tal-ftehim. Tali terminazzjoni, anke jekk tigi minn naha tal-lokatur ("Lessor") in kwantu pero` bbazata fuq nuqqasijiet kontrattwali minn naha tal-kerrej tkun "*without prejudice to the Lessor's claim to the Total Lease Rate for the duration of the Agreement*". Din hija klawsola li giet miftehma bejn il-partijiet kontraenti u ghalhekk ma tistax issa parti wahda taghzel arbitrarjament li ma tonorahiex. Ghalkemm kien hemm decizjoni minn naha tas-socjeta` attrici li tittermina l-ftehim, dan sehh biss minhabba l-fatt li l-kerrej waqaf mill-pagamenti tal-kera dovut minnu u ghall-ebda raguni ohra. Fi kliem iehor hawn si trattava ta' terminazzjoni ta' kirja pprovokata unikament minn naha tal-kerrej. Din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, jidhrilha li l-lokatur kellu d-dritt li jesigi minghand il-kerrej mhux biss il-hlas ta' l-arretrati li baqghu ma thallsux imma wkoll il-hlas ghar-rimanenti perijodu kollu. Illi ghalhekk l-aggravju ta' l-appellanti huwa infondat fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjeta` konvenuta bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------